MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### ANNA FELICE

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2007

Rikors Numru. 984/2006

**Fl-atti tal-ittra ufficjali tad-9 ta` Ottubru, 2006:**
**Pater Finance Co Ltd**

**vs**

**Daniela Debattista**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta` Daniela Debattista.

L-esponenti ai termini ta` dak provdut fl-Artikolu 253(e) tal-kapitolo 12 tal-ligijiet ta` Malta qed topponi l-esekuzzjoni tal-kambjali msemmija fl-ittra ufficjali hawn fuq indikata u dana ghar-ragunijiet hekk kif gej:

a) In linea preliminari l-ittra ufficjali skond dil-procedura tal-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 hija nulla stante li ma saritx

minn min hareg il-kambjala u cioe` minn UCIM Company Limited u cioe` mit-traent.

b) Hija ma ghamlet qatt ebda negozju ma` Peter Finance Company limited.

c) Daniela Debattista qatt ma iffirmat personalment izda dejjem ghan-nom tas-socjeta` JG Rentals Limited tant li fil-kambjala ma hemmx zewg firem u lanqas hemm li hija solidali mas-socjeta` JG Rentals Limited.

d) Ghalhekk il-mittenti ma jistghux jipprevalixxu mid-disposizzjoni kkontemplata fil-ligi ai termini tal-artikolu 256(2) tal-kap. 12 tal-ligijiet ta` Malta.

Rat ir-risposta tas-socjeta` Pater Finance Co Ltd li:

1. L-allegazzjoni tar-rikorrenti Daniela Debattista li l-ittra ufficjali numru 3247/06 fl-ismijiet premessi hija nulla hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt, u jekk ir-rikors odjern jinftiehem minn dina l-Onorabbli Qorti illi l-istess rikorrenti qeghda taghmel talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tat-titolu esekuttiv naxxenti mill-kambjali in kwistjoni, dan ir-rikors ghandu jkun michud bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti, u dana ghas-segwenti ragunijiet:

2. B`referenza ghall-allegazzjoni tar-rikorrenti ta` nullita` tal-ittra ufficjali stante illi ma saritx minn min hareg il-kambjali, kif jirrizulta car mill-istess kambjali ezibiti in atti flimkien mal-ittra ufficjali in kwistjoni, dawn il-kambjali gew girati mis-socjeta` traenti U.C.I.M. Company Limited, kavur is-socjeta` intimata esponenti.

3. B`referenza ghall-allegazzjoni tar-rikorrenti illi hija ma ghamlet qatt negozju mas-socjeta` intimata esponenti, jinghad, kif inhu ben risaput, illi kambjalijiet li jkunu gew girati jakkwistaw ezistenza awtonoma. F`dan il-kuntest, issir referenza ghas-sentenza tat-18 ta` Frar, 2004 fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. vs Micallef Carmel Ray (Citazz. Nru. 1890/2001TM).**

4. B`referenza ghall-allegazzjoni tar-rikorrenti illi hija qatt ma ffirmat personalment izda dejjem ghan-nom ta` JG Rentals Limited, jinghad, kif jirrizulta car mill-istess kambjalijiet ezibiti in atti flimkien mal-ittra ufficcjali in kwistjoni, illi r-rikorrenti ffirmat *par* aval moghtija a tenur tal-Artikolu 170 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13 tal-Ligijiet ta` Malta), li biha hija rrendiet ruhha debitrici solidali mas-socjeta msemmija, u dana a tenur tal-Artikolu 171 tal-imsemmi Kodici.

5. Ghalhekk b`referenza ghas-suespost, hija l-umli fehma tas-socjeta` intimata esponenti illi huwa car li ma jezistx ic-cirkostanzi kkontemplati mill-*proviso* tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12, sabiex dina l-Onorabbli Qorti tista` tordna s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjalijiet in kwistjoni. Dan jinghad anke ghaliex ir-raguni gravi u valida li tippostula din id-disposizzjoni <u>necessarjament</u> hija ekwiparabbli ghar-raguni gravi u valida li jippostula l-Kodici tal-Kummerc sabiex wiehed, b`success, jaghmel opposizzjoni ghall-hlas ta` kambjala. F`dan il-kuntest issir referenza ghall-Artikolu 198 tal-imsemmi Kodici. Ma kienetx l-intenzjoni tal-legislatur li jillimita d-drittijiet naxxenti minn kambjala, anzi ghall-kuntrarju, u ghalhekk filwaqt li introduca emenda fis-sens li b`semplici ittra ufficcjali, kambjala tikkostitwixxi titolu esekuttiv, zamm favur id-debitur l-istess drittijiet [ta` opposizzjoni] diga` rikonuxxuti fil-Kodici tal-Kummerc.

Rat id-dokumenti ezebiti.

Rat in-noti pprezentati.

Ikkunsidrat.

Din hija procedura li qed isir a bazi tal-Art. 253(e) tal-Kap. 12 li jipprovdi illi:

*"Huma titoli esekuttivi:*

- *omissis –*

*“(e) kambjali u promissory notes mahruga skond il-Kodici tal-Kummerc:*

*“B`dan izda li l-Qorti kompetenti skond il-valur tal-kambjala jew promissory note tista`, b`digriet li ma jkunx appellabbli, tissosspendi l-ezekuzzjoni ta` dik il-kambjala jew promissory note kollha jew parti minnha u sew suggett ghal garanzija kif jukoll minghajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-ezekuzzjoni ta` dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li ghandu jsir fi zmien ghoxrin gurnata min-notifika ta` l-ittra ufficjali li tintbaghat sabiex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note ma tkunx taghha jew tal-mandatarju taghha jew fejn dik il-persuna tressaq ragunijiet ohra gravi u validi sabiex tipposponi dik l-ezekuzzjoni u f`dak il-kaz biex persuna tesigi l-hlas ta` dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipprocedi b`kawza skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc”*.

*“L-ittra ufficjali msemmija aktar il-fuq f`dan il-proviso ghandha, taht piena ta` nullita`, tavza lid-debitur bid-dritt moghti lilu minn dan il-proviso”.*

F`dan ir-rikors l-ewwel ilment tar-rikorrenti hu li l-procedura ma saritx minn min hareg il-kambjala cioe` il-UCIM Company Limited, it-traent. Ir-rikorrenti ssostni ukoll li hi qatt ma ghamlet ebda negozju ma` Pater Finance Company Limited.

Kif inhu ben risaput, il-kambjala girata takkwista ezistenza awtonoma fiha nnifisha. Is-socjeta` UCIM Company Limited iggirat il-kambjala favur Pater Finance Company Limited. B`hekk, l-ezistenza awtonoma li akkwistat il-kambjala hija kompletament distinta minn kull obbligazzjoni li wasslet ghall-hrug tal-istess kambjala.

Ghal din ir-raguni, il-Qorti hi tal-fehma li ma tregix it-tezi tar-rikorrenti Daniela Debattista li hi qatt ma ghamlet ebda negozju mas-socjeta` li llum qed tippretendi l-hlas segwitu tal-kambjali.

Fl-artikolu precitat Art. 253(e) il-ligi tipprovdi ukoll ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni ta` kambjala meta jezistu *"ragunijiet gravi u validi"* ghal tali sospensjoni.

Issa r-rikorrenti, fir-rikors taghha tat-22 ta` Frar, 2007, tikkonferma bil-gurament cirkostanzi li, skond l-istess rikorrenti, huma ta` natura gravi bizzejjed biex jimmeritaw tali sospensjoni tal-ezekuzzjoni. Hi tikkonferma bil-gurament zewg fatturi:

(1) meta ffirmat il-kambjali in kwistjoni hi kienet giet rassikurata li m`hijiex qed tiffirma solidali mas-socjeta` JG Rentals Limited;

(2) l-kitba mnizzla fuq wara ma kienetx hemm meta hija ffirmat il-kambjala.

Ma ngiebet ebda prova quddiem din il-Qorti biex tikkontesta dawn il-fatti f`dan l-istadju.

Fil-fehma tal-Qorti dawn huma ragunijiet gravi bizzejjed biex jimmeritaw studju ulterjuri fi proceduri *ad hoc* skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc. Ghaldaqstant il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tilqa` t-talba tar-rikorrenti Daniela Debattista fir-rikors taghha tal-31 ta` Ottubru, 2006 u tordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjali msemmija fl-ittra ufficcjali mibghuta minn Pater Finance Company Limited datata 9 ta` Ottubru, 2006 (Ittra Ufficjali Nru. 3247/06).

Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` Pater Finance Company Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------